**283. Il-Ministru għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura l-Onor. Michael Falzon jipproponi:**

Billi hu maħsub fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-artiklu 5 tal-Att tal-1988 dwar Permessi ta' Bini (Provvedimenti Temporanji) li fil-każ tat-tlugħ jew demolizzjoni ta' bini 'l barra minn area żviluppata li ma tkunx area li għaliha jkun ġie approvat pjan lokali, il-Ministru jista' jagħti permess meta l-għoti ta' dak il-permess ikun awtorizzat b'riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra;

Billi ntalab permess mir- Rev. Kan Lawrence Mifsud, Arċipriet tas-Siġġiewi għal bini ta' knisja u strutturi anċillari fl-art ta' Kircippu, limiti tas-Siġġiewi, Malta, kif jidher f'applikazzjoni numru PB/3207/90 u l-pjanta mehmuża magħha li ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra;

Billi għal din l-applikazzjoni japplika l-imsemmi paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-imsemmi Att, u jixraq li l-permess jingħata;

Għaldaqstant il-Kamra tirriżolvi li tapprova l-għoti ta' permess mill-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura għal bini ta' knisja u strutturi anċillari fuq is-sit fuq imsemmi ta' ċirka 1,400 metri kwadri, liema bini ma jkunx ikopri art ta' aktar minn 75% tas-sit.

04.07.1991